FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 03 TA' MEJJU 2017

Il-Pulizija

Spettur Spiridione Zammit

vs

Raymond Zammit

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' karta tal-identita' 372261M akkuzat talli:

1. fl-24 ta' Ottubru 2014 ghal habta ta' 6 am u/jew hinijiet qabel, waqt li kien Triq Giuseppi Garibaldi Hal-Luqa u/jew f'dawn il-Gzejjer minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsra fil-gisem jew fis-sahha, u cioe offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Adolph Baldacchino minn Marsaskala skond ma ccertifikat it-tabiba Dr Francesca Lentini reg No. 3593 mic-centru tas-sahha Rahal Gdid;
2. irrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Adolph Baldacchino u tapplika l-provvedimenti ta' Artikoli 383, 384, u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat ix-xhieda;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fuq liema insista anka meta l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu u tiddikjarah hati.

Rat l-Artikoli 216, 49, 50, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Tiddeciedi: li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal-zmien sitt xhur mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

A.M. Trigona
Magistrat